# Fondi jgħinu lil Heritage Malta fid-datazzjoni ta' masġar taż-żebbuġ

**Stqarrija | 30 ta' Marzu 2023**

Fondi li ngħataw lil Heritage Malta mill-Fondazzjoni Melita għenu lill-aġenzija fid-datazzjoni ta' masġar taż-żebbuġ fil-Bidnija.

Billi fl-inħawi tal-masġar hemm midfunin il-fdalijiet ta' struttura – possibbilment villa rustika – tal-perjodu Ruman, fejn kienet issir il-produzzjoni taż-żejt, kien maħsub li s-siġar taż-żebbuġ imorru lura għall-epoka Rumana, speċifikament għal madwar 1,800 sena ilu.

Permezz tal-fondi mill-Fondazzjoni Melita, Heritage Malta kienet f'pożizzjoni li tqabbad laboratorju biex jagħmel testijiet fuq sitt kampjuni għall-carbon dating. Il-kampjuni ttieħdu minn feles ta' zokk, b'dijametru ta' aktar minn metru. Mit-testijiet irriżulta li s-siġar eżistenti huma minn nofs is-seklu 17.

Peress li s-siġra taż-żebbuġ tirriġenera lilha nnifisha, mhux eskluż li s-siġar f'dan il-masġar xorta waħda jistgħu jkunu eqdem. Il-feles bħalissa qed jiġi studjat minn speċjalist Malti, bl-għajnuna tal-Laboratorju tax-Xjenza Dijanjostika fi ħdan Heritage Malta, biex isir dak li jissejjaħ 'tree ringing', fejn l-età ta' zokk tiġi kkalkulata min-numru u d-distanza ta' bejn iċ-ċrieki li minnhom hu ffurmat iz-zokk. Dan il-proċess, iżda, jista' jkun imxekkel mill-istruttura nnifisha taz-zokk taż-żebbuġa, li jimmalja u jdur fuqu nnifsu waqt li qed jikber.

L-għajnuna finanzjarja tal-Fondazzjoni Melita ppermettiet ukoll li jsir studju ġeofiżiku biex jinkiseb tagħrif aktar dettaljat dwar il-fdalijiet Rumani midfunin fl-inħawi tal-masġar u jaċċertaw b'aktar preċiżjoni l-firxa ta' dawn il-fdalijiet arkeoloġiċi.

Il-Professur Tanya Sammut-Bonnici, Chair tal-Fondazzjoni Melita, qalet li, "Ir-riżultati tal-carbon dating ta' dawn is-siġar taż-żebbuġ huma affaxxinanti u jipprovdu ħolqa storika importanti mal-attività ta' dawn l-inħawi. Inħossuna onorati li aħna parti minn dan il-proġett."

Il-ħidma mwettqa bl-għajnuna tal-fondi tal-Fondazzjoni Melita hija parti mill-Proġett Olea, li hu mmexxi minn Heritage Malta bil-kollaborazzjoni ta' entitajiet oħra li ffirmaw żewġ ftehimiet magħha. Ftehim minnhom sar ma' Ambjent Malta dwar il-lat ekoloġiku tal-proġett, filwaqt li l-ftehim l-ieħor ġie ffirmat mal-Università ta' Malta u mas-Sovrintendenza għall-Patrimonju Kulturali u jkopri l-lat arkeoloġiku.

Heritage Malta trodd ħajr lil kull min qed jikkollabora magħha fuq dan il-proġett.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta